**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' Gunju 2020.**

**Rikors nru: 4/2012 AGV**

**AB f'isimha proprju u ghan-nom**
**taz-zewg uliedha CBD EBD**
**Vs**
**F sive GB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors guramentat ta' AB datat 4 ta' Jannar 2012, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat:-**

1. Premess illi l-kontendenti konjugi B inghaqdu fiz-zwieg fil-Knisja tal-Annunzjata gewwa r-Rabat – Malta nhar is-6 ta' Awissu, tal-1994, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta nhar it-8 ta'

Awissu tal-1994, numru ta' iskrizzjoni 1374/08.08.1994 (vide Dokument CM1 fir-Raba' Taqsima ta' din il-kawza u cioe' l-Elenku ta' Dokumenti).

2. Premess illi mir-relazzjoni konjugali u intimi ta' bejniethom il-konjugi B kellhom zewgt itfal u cioe' C li twieldet f'Ghawdex nhar is-Sibt 20 ta' Jannar tal-1996 u li fil-mument li qiedgha tigi ntavolata din il-kawza C sejra taghlaq is-sittax-il sena u huha E li twieled nhar is-Sibt, 11 ta' Novembru tas-sena 2000 u li fil-mument li qiedghda tigi ntavolata din il-kawza se jkollu l-eta' ta' hdax-il sena, liema zewg certifikati awtentikati tat-twelid taghhom qedghin jigu hawn mehmuza u indikati bhala Dokument CM2 u CM 3.

3. Premess illi mehmuz ma' din ic-citazzjoni hemm l-ittra ghall-applikazzjoni tal-medjazzjoni ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Lulju, 2011, kif ukoll ir-referenza ghall-ittra fl-atti tal-medjazzjoni numru 772/2011 bil-medjatur Carmela Delicata li giet intavolata proprju nhar l-4 ta' Lulju, 2011, fl-ismijiet kif hawn premessi, ukoll ir-rapport tal-medjatur Carmen Delicata li l-partijiet ma lahqux ftehim bejniethom wara tliet appuntamenti li fihom l-intimat/konvenut ma wera ebda interess u f'okkazzjoni minnhom u cioe' l-uniku darba li tfacca wera tendenzi ta' vjolenza u l-kumplament tal-atti gudizzjarji ta' din il-procedura tal-medjazzjoni numru 772/11 li tikkulmina fid-digriet tal-awtorizzazzjoni numru 2098/11 – NC datat 11 ta' Novembru, 2011 u li a bazi ta' dan qiedgha tigi intavolata c-citazzjoni u cioe' l-kawza odjerna (vide Dokument CM 4).

4. Premess illi r-rikorrenti/attrici AB id numru 282986 (M) tirreferi ghall-affidavit taghha ta' numru ta' pagni li hija qiedgha taghmel parti minn dawna l-atti gudizzjarji odjerni ghal kull buon fini fil-fatti u fid-dritt

liema affidavit qed jigi esebit bhala Dokument CM 7, f'liema dokument indikat l-attrici tirrakkuntalna fil-qosor l-istorja matrimonjali taghha li nghatat bidu mill-gherusija meta nxtrat il-proprjeta' immobiljari li sussegwentement saret id-dar matrimonjali u hemm imfisser fil-qosor (suggett ghal iktar elaborazzjoni fil-mori tal-kawza wara li jigi notifikat il-konvenut u l-Qorti tiffissa d-data ghall-ewwel udjenza tas-smiegh u tohrog istruzzjonijiet soliti ta' xi jkun jinhtieg mill-partijiet qabel ma jibdew jinstemghu l-provi bil-fomm), f'liema affidavit hemm xhieda diretta tar-ragunijiet ewlenin ghala wara snin ta' riflessjoni, l-attrici kienet kostretta li tintavola din il-kawza ta' firda legali u talbiet ancillari anke fl-interess suprem taz-zewgt itfal minuri taghha li wahda minnhom se tkun ghalqet is-sittax-il sena meta din il-kawza tibda tinstema' attwalment u l-guvnott se jkun ghalaq il-hdax-il sena u allura eta' li t-tfal jistghu jifhmu x'inhu qieghed isir minghajr ma jkunu zghar hafna li fil-mument turbulanti li inevitabilment dawn il-proceduri sejrin joholqu, it-tfal ikunu jistghu almenu jifhmu ezatt x'inhu ghaddej (vide l-anness dokument CM 7 et seq.).

5. Premess illi r-rikorrenti/attrici, a skans ta' ripetizzjoni, tirreferi ghar-raba' taqsima f'din il-kawza taghha odjerna li hija qiedgha tikkonferma bil-gurament taghha, ghad-dokument CM 7 li huwa l-affidavit dettaljat taghha u li fih tlettax-il faccata bil-proviso li qed jigi espressament indikat lil dina l-Onorabbli Qorti f'dan l-istadju, li fil-mori tal-kawza u cioe' wara li din il-kawza tigi notifikata lill-intimat/konvenut zewgha FB id numru 145961 (M) u din il-wisq Onorabbli Qorti tkun appuntat l-ewwel dehra quddiemha skond kif ippreseduta u jinhargu d-direttivi tal-Qorti dwar provi bil-miktub li l-Qorti tkun tixtieq tircievi mill-partijiet kontendenti konjugi B, premess dan kollu, l-attrici qiedgha terga' tenfasizza l-verosimilianza tad-Dokument CM 7 li a bazi tieghu

giet mibnija din il-kawza bid-diversi talbiet illi sejjer ikun hemm indikati fit-tieni taqsima ta’ din il-kawza u cioe’ talbiet tar-rikorrenti.

6. Premess illi l-attrici/rikorrenti tirreferi ghad-dokumenti MG la li huwa kuntratt bl-indikazzjoni tat-Tlieta, 3 ta’ Jannar, tas-sena 1992 u cioe’ ghoxrin sena ilu meta kienet ghadha gharusa lill-konvenut/intimat u kienet awtorizzat verbalment li mbaghad giet kjarifikata permezz ta’ prokura generali lil zewgha odjern, l-gharus taghha ghoxrin sena ilu, biex dana jidher f’ismu u f’isimiha fuq l-Att Pubbliku nsinwat nhar id-9 ta’ Jannar, tal-1992 in atti tan-Nutar Dr. John Debono u fejn il-konjugi odjerni, dak iz-zmien gharajjes kienu accettaw, xtraw u akkwistaw l-utili temporanju ghaz-zmien li fadal mill-koncessjoni enfitewtika temporanja li saret ghaz-zmien ta’ mija u hamsin (150 snin) b’effett mit-28 ta’ Novembru, tas-sena 1979, liema koncessjoni enfitewtika tintemm fis-sena 2129 relatat mal-appartament hemm imsemmi, liema proprjeta’ hija ugwalment kondiviza imma fl-istess hin indiviza bejn il-konjugi odjerni, liema proprjeta’ mmobiljari kienet inxtrat kif jintuza f’ilsienna “gebel u saqaf.”

7. Premess illi r-rikorrenti/attrici AB id numru 282986 (M) taghmel referenza ghar-raba’ taqsima ta’ din il-kawza elenku tad-dokumenti u partikolarment ghad-dokument MG 2 fejn tindika d-diversi hidmiet li ghamlet ir-rikorrenti/attrici u dana biex jigi sostanzjat il-punt illi hija kienet tahdem u li kellha ntrojtu u fadlet biex setghet thallas ghall-proprjeta’ mmobilijari u anke ghal diversi proceduri li kellha taghmel u kwindi l-kawza odjerna mhux tant biex tiehu xi manteniment hi imma biex tipprotegi l-interessi supremi taz-zewg uliedha minuri u anke d-dar matrimonjali li nxrat indivizibilment imma bi kwoti divizibbli ndaqs

bejn il-partijiet kontendenti meta kienu ghadhom gharajjes u li minhabba ragunijiet ta' vjolenza domestika primarjament, l-attrici kontra qalbha, kienet kostretta li tinizja dawn il-proceduri ghall-firda legali bil-probabilita' li fil-mori tal-kawza titlob it-talbiet taghha jigu sostitwiti bit-talbiet ghax-xoljiment ta' dan iz-zwieg permezz ta' procedura tad-divorzju effettiva mill-1 ta' Ottubru, 2011, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, Kodici Civili.

8. Premess illi l-attrici tirreferi ghad-dokument MG3 u ghad-dokument MG 4 u ghal Dokument MG 5a u ghal Dokument MG 5b u ghal dokument MG 5b1 u ghal Dokument MG 5b2 u ghal dokument Mg 5b3 dawn id-dokumenti juru parti zghira minn katina shiha ta' incidenti fid-dar matrimonjali li jammontaw ghal vjolenza domestika, bi proceduri kriminali li ttiehdu u proprju kkulminaw f'sentenza li ggib id-data tal-5 ta' Lulju, 2011 u li liema data hija ndikata fuq l-istess dokument tal-5 ta' Lulju, 2011 u li ghaldaqstant l-attrici fi hsiebha li taghmel proceduri ulterjuri quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ulterjuri kif ukoll proceduri kriminali ohra biex formalment il-konvenut/intimat FB jigi ordnat biex jizgombra mid-dar matrimonjali ghal ragunijiet validi fil-ligi u li jissodisfaw il-vot tal-ligi relatati mal-vjolenza domestika.

9. Premess illi ssir referenza ghad-dokument MG 6 li huma katina ta' ritratti, b'kollox erbatax-il ritratt mehudin mill-istess rikorrenti/attrici AB li turi fazi wahda ckejkna tal-istramberiji u isterizmi konfinati ma' genn fil-mohh tal-intimat/konvenut fejn hawnhekk ghandha kaz li litteralment il-kamra tal-uniku tifel illi ghandhom l-kontendenti (ghandhom ukoll tifla) fejn dana l-minuri missieru zarmalu litteralment il-kamra privata tieghu u d-diversi ritratti juru l-istat li l-konvenut/intimat irriduca l-kamra tat-tifel tieghu u li affettwat mhux ftit

psikologikament anke lill-istess minuri u li din hija raguni ohra ghala ma jistax ikun illi anke fid-dawl ta' din il-procedura ta' firda legali, l-intimat/konvenut jibqa' jirrisjedi fid-dar matrimonjali anke jekk din giet mixtrija qabel mal-kontendenti nghaqdu fiz-zwieg.

10. Premess illi l-attrici/rikorrenti tirreferi ghal Dokument MG 7 illi jindika incident iehor abbinat ma' vjolenza domestika li dina l-wisq Onorabbli Qorti b'rikors li sejjer jigi intavolat malli l-attrici tkun taf in-numru referenzjali tal-kawza taghha quddiem din il-Qorti u skond kif ippreseduta, imma li jindika car li l-intimat/konvenut huwa bniedem perikoluz u li jissodisfa l-vot tal-ligi kemm fil-kriminal kif ukoll fic-civil li jiggustifika l-Ordni ta' din il-wisq Onorabbli Qorti biex l-intimat/konvenut jigi ordnat jizgombra mid-dar matrimonjali fi zmien stipulat u taht dawk il-provvedimenti u d-direttivi li din il-wisq Onorabbli Qorti joghgobha taghti u tordna.

11. Premess dan kollu, prevja r-referenza ghal premessi hawn fuq suesposti, prevja r-referenza ghal-lista tax-xhieda ndikata lil din il-wisq Onorabbli Qorti, prevja r-referenza ghall-elenku tad-dokumenti esebiti u mehmuza ma' din il-kawza odjerna, premess dan kollu u wara li rat it-talbiet, kif ristrutturati skond digriet tal-Qorti datat 12 ta' Jannar, 2012 ighid il-konvenut/intimat AB sive G B id numru 145961 (M) (li f'din l-inkwadratura qed jigi notifikat fuq il-post tal-hidma tieghu ma' Bonnici Bros. Limited), ighid il-konvenut ghala din il-wisq Onorabbli Qorti Civili, Sezzjoni Familja, m'ghandhiex tidderigi, tistabbilixxi, tiddikjara u tordna illi:-

(a) Illi ghandha tigi ddikjarata minn din il-wisq Onorabbli Qorti l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi partijiet kif indikati u dana a bazi

tal-Artiklu 35 (1) tal-Kapitlu 16, Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta biex b'hekk bis-sentenza moghtija minn din il-wisq Onorabbli Qorti jispicca, ghal effetti kollha civili l-obbligu ta' bejniethom li jghixu flimkien.

(b) Illi r-rikorrenti/attrici qedgha formalment titlob jew li tigi kkonfermata li l-intimat/konvenut jigi ordnat jallontana ruhu mid-dar matrimonjali f'numru 345, Blossoms, Appartament numru 1, fi Triq il-Htajriet, Mosta u dana ghar-ragunijiet fattwali li jissodisfaw il-vot tal-ligi kif jirrizulta fil-mori ta' dina l-kawza.

(c) Illi l-awtorizzazzjoni biex setghu saru dawn il-proceduri ta' firda personali giet ottenuta a bazi ta' medjazzjoni ntavolata nhar it-Tnejn 4 ta' Lulju, 2011, ittra numru 772/2011, liema medjazzjoni formalment inghalqet u nghata d-digriet tal-awtorizzazzjoni 2098/11 – NC datat 11 ta' Novembru, 2011.

(d) Ghandu jkun applikat l-Artikolu 39 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana peress illi kif jirrizulta mid-Dokument MG 5b (Dokument Numru 14 fl-elenku ta' Dokumenti fir-raba' taqsima ta' dina l-kawza), peress illi dana d-dokument indikat bhala MG 5b huwa Ordni ta' Protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) liema Ordni ta' Protezzjoni nharget nhar il-5 ta' Lulju, 2011 u li kopja ufficcjali taghha giet inkluza u mehmuza mal-elenku ta' dokumenti ta' din il-kawza odjerna u ghalhekk tali artikolu 39 tal-Kapitlu 16 ghandu jkun applikat bir-rigorosita' kollha tieghu a favur l-attrici AB u z-zewg uliedha minuri u cioe' CB u EB, liema zewgt itfal ghadhom minuri kif jirrizulta mid-dokumenti hawn esebiti fir-Raba' Taqsima ta' dina l-kawza dokumenti CM 2 u CM 3.

(e) Il-Firda Legali mitluba mill-attrici/rikorrenti hija ukoll gustifikata apparti mit-talbiet precedenti ghal din attwali, a bazi tal-Artikolu 40 tal-Kapitlu 16 peress illi l-intimat/konvenut F sive GB huwa hati ta' eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi kontra r-rikorrenti/attrici martu kif ukoll kontra uliedu minuri C u EB hekk kif indikati fl-att gudizzjarju odjern, apparti mill-fatt li l-hajja bejn il-kontendenti konjugi B ma baqghetx iktar possibbli billi z-zwieg taghhom ilu li tkisser irrimedjabilment u minkejja diversi tentattivi ta' rikonciljazzjoni, dawna t-tenattivi fallew u sfaxxaw ghal kollox.

(f) Illi l-Artikolu 46 tal-Kapitlu 16 fid-dawl tar-rikors ut sic. intavolat mill-attrici ftit wara li ntavolat il-kawza odjerna imma a bazi ta' diversi incidenti ta' vjolenza domestika li sehhew fil-perjodi qabel ma giet intavolata l-kawza, dina l-wisq Onorabbli Qorti qedgha tigi umilment mitluba sabiex tikkonferma li r-rikorrenti/attrici flimkien maz-zewg uliedha minuri ghandhom jibqghu joqoghdu fid-dar taz-zwieg u cioe' numru 345, Blossoms, Appartament Numru 1, Triq il-Htajriet, gewwa l-Mosta, kif gia' formalment mitlub f'talba precedenti ghal dawk suesposti.

(g) Il-Qorti ghandha tikkonferma fid-dawl tal-applikazzjoni ut sic illi ghamlet fil-mori tal-kawza s-somma ghall-manteniment u spejjes straordinarji skond il-bzonnijiet tal-attrici/rikorrenti f'isimha u ghan-nom taz-zewg ulied minuri u skond il-mezzi tal-intimat/konvenut u dana meta jitqiesu ukoll ic-cirkustanzi l-ohra kollha tal-partijiet.

(h) Il-Qorti ghandha tikkonferma l-kura u kustodja u l-harsien esekuttiv ghal dak kollu li jkunu jehtiegu t-tfal minuri fil-persuna tar-rikorrenti/attrici ommhom u dana peress illi hsieb it-tfal fl-interess

suprem taghhom dejjem ittiehed mill-istess rikorrenti/attrici u allura dan ghandu jsir ghall-iktar konsiderazzjoni importanti l-gid tal-ulied.

(i) Il-Qorti ghandha tapplika fil-konfront tal-intimat/konvenut F sive GB l-Artikoli 48 (1) u (2), l-Artikolu 51, l-Artikolu 52, l-Artikolu 53, l-Artikolu 54 (1) u (2) bis-sub incizi (a) sa (g) u dana fejn applikabbli, kif ukoll subartikolu 3 tal-istess Artikolu 54 u sub-artikolu (4) sa (9), dana dejjem fid-diskrezzjoni ta' din il-wisq Onorabbli Qorti a bazi tal-Att Gudizzjarju odjern u l-provi u l-evidenza kollha li jkunu rrizultaw fil-mori tal-kawza qabel is-sentenza definittiva.

(j) Il-Qorti ghandha tapplika l-effetti tal-Artikolu 55 subartikoli 1 sa 8 relatat mal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u l-komunjoni l-ohra taht amministrazzjoni separata u dana bil-possibilita' li l-attrici/rikorrenti fil-mori tal-kawza tkun intavolat rikors appozitu biex titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li tezisti bejn il-kontendenti mizzewwgin Giordmaina.

(k) Illi relatat mad-dar taz-zwieg u fl-inkwadratura ta' talbiet ohra relatati mad-dar taz-zwieg precedentement fit-talbiet suesposti, din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha tapplika l-Artikolu 55A (1) u (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana fl-ahjar interess tal-ulied minuri u anke l-gid tal-partijiet kontendenti konjugi billi huwa evidenti li jkun ta' periklu kbir jekk il-konvenut/intimat jibqa' jirrisjedi jew b'xi mod jerga' jigi hieles biex jirritorna d-dar matrimonjali u dana fl-interess tal-instabbilita' u s-sigurta' tal-minuri u tar-rikorrenti/attrici.

(l) Li ghandhom jispiccaw id-drittijiet tal-kontendenti partijiet konjugi ghas-successjoni ta' xulxin, b'effett minn dakinhar meta d-digriet jew

is-sentenza ghall-firda legali jew divorzju jkunu saru res iudicata jew fl-eventwalita' li b'rikors opportun fil-mori tal-kawza u dejjem skond il-ligi, tali dritt jitnehha b'talba specifika ta' xi wahda mill-partijiet kontendenti jew tal-partijiet flimkien f'liema eventwalita' dana d-dritt mitmum minn dak il-jum li tkun inghatat id-decizjoni tal-Qorti u dik ukoll tkun saret ghall-iskop ta' din it-talba res judicata.

(m) Li ghandhom jinghataw dawk il-provvedimenti, direttivi, ordnijiet, interpretazzjonijiet, li jservu ghat-trasparenza fl-amministrazzjoni tal-gustizzja biex dina zgur li tidher li qedgha ssir a bazi tat-talbiet tar-rikorrenti/attrici jew liema minnhom kif hawn fuq suesposti.

12. Illi dina l-wisq Onorabbli Qorti ghandha ukoll tordna, considerando n-nuqqas ta' ko-operazzjoni da parti tal-konvenut/intimat F sive GB, id numru 145961 (M) illi dana jikkopera biex fil-proceduri tal-medjazzjoni li giet inizjata nhar l-4 ta' Lulju, 2011, ittra numru 772/2011 u li minhabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni assoluta da parti tal-intimat, tali medjazzjoni kellha formalment tinghalaq bid-digriet ta' awtorizzazzjoni 2098/2011 – NC datat 11 ta' Novembru, 2011 u li proprju a bazi tieghu saret dina l-kawza odjerna, li l-ispejjes kollha gudizzjarji u extra gudizzjarji, abbinati direttament u/jew indirettament ma' dina l-procedura jigifieri li jkopru ukoll il-medjazzjoni xi atti gudizzjarji ohra li jsiru fil-mori ta' dawn il-proceduri bhal rikorsi, jew talbiet ghal hrug ta' xi mandati, dawn l-ispejjes kollha kif ukoll id-drittijiet gudizzjarji u extra-gudizzjarji tal-konsulent legali tar-rikorrenti/attrici dawna ghandhom ikunu kolllha a karigu tal-intimat/konvenut F sive GB id numru 145961(M).

Rat ir-Risposta tal-konvenut li eccepixxa s-segwenti:-

1. Illu hu minnu li l-partijiet kienu zzewwgu fis-6 ta' Awwisu, 1994 fejn minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal li ghadhom minuri.

2. Illi m'hu minnu xejn dak allegat mir-rikorrenta fil-konfront tal-esponent li hu ghandu jigi kkunsidrat bhala hati ghat-tortijiet kif allegat fir-rikors promotorju. Illi pjuttost hu kontra tant li dawn sejrin jigu ppruvati, sepcjalment il-fatt li l-istess rikorrenta ilha timxi sistematikament biex toskura l-esponent b'mod intenzjonata liema intenzjoni malinja hi, issa kristalizzata f'dawn il-proceduri kif ukoll proceduri ohrajn, liema haga ser tigi ppruvata fil-mori tal-kaz. Illi di piu', dawn il-proceduri qed iservu ta' paraventu ghat-tortijiet tal-istess rikorrenta li b'certa *animus* qedghda tipprova titfa l-htija taghha fuq l-esponent, biex fost affarijiet ohra qeghda taghmel kif ser takkwista liema haga ser tigi ppruvata fil-mori tal-kaz.

3. Illi di piu', jekk iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment dan hu tort tal-istess rikorrenta principalment, imma mhux esklussivament minhabba l-attitudni taghha xejn pjacevoli fejn, fost affarijiet ohra thobb tipprovoka kontinwament kif ukoll l-istess rikorrenta jidhrilha b'mod erronju li hadd ma jista' ghaliha u tippretendi ukoll li l-affarijiet ghandhom jimxu biss bl-approvazzjoni taghha. Illi fin-nuqqas ir-rikorrenta taghmillek hajtek infern, liema kaz qed iservi ta' mera ta' dan.

4. Illi di piu', l-attitudni skifuza u intollerabbli tar-rikorrenta hi ferm riflessa mit-talbiet tal-istess rikorrenta fejn qeghda tipprova timmanuvra b'tali mod biex minghajr ma tikxef xejn konkret qeghda tipprova timponi kundizzjonijiet li huma 'l boghod ferm mill-

applikazzjoni tal-principji civili liema haga tiggustifika l-posizzjoni tal-istess esponent.

5. Illi l-problema tal-attitudni xejn pjacevoli tal-intimata rikorrenta tant saret impossibbli li b'mod gust, l-esponent qieghed isofri konsiderevolement tant li r-rikorrenta qeghda timmanipola ulied il-partijiet ghas-skopijiet taghha u bhala konsegwenza qeghda tipprova taghti l-impressjoni ta' "vittma" meta fir-realta' s-sitwazzjoni hi kontra.

6. Illi filwaqt li l-esponent jichad kategorikament l-akkuzi fjakki fil-konfront tieghu s-sitwazzjoni hi ferm kontra fil-konfront tar-rikorrenta liema haga tispjega l-ghaliex hi tant herqana li tissepara mill-iktar fis possibbli, liema haga se tigi ppruvata fil-mori tal-kaz.

7. Illi n-nuqqas ta' sincerita' f'dawn il-proceduri da parti tal-intimata rikorrenta anki testendi ghall-fatt li qed tipprova tizvija l-Qorti liema haga se tigi ppruvata fil-mori tal-kaz u dan semplicement biex hi tkun libera taghmel li trid u kif trid.

8. Illi f'dan ir-rigward, imma mhux eskluzzivament, it-talbiet li jiffavorixxu r-rikorrenta ghandhom jigu michuda u skartati stante li huma intizi biex jippregudikaw dak dovut lill-esponent kif ukoll biex inessu t-tortijiet imputabbli lir-rikorrenta li hi, wara kollox ghandha ggorr fis-shih it-tort tal-htija taghha.

9. Salv risposta ulterjuri/eccezzjonijiet ohra.

Rat illi l-konvenut ipprevalixxa ruhu mill-azzjoni attrici u pprezenta kontro-talba fejn ippremetta s-segwenti:-

Peress illi l-partijiet kienu zzewwgu fis-6 ta' Awwissu, 1994 fejn minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minuri sal-lum.

Peress illi r-rikorrenta attrici rrendiet ruhha hatja ta' tortijiet din tispjega wahda mir-ragunijiet principali l-ghala r-rikorrenta qed tippersegwita kontinwament l-esponent fejn anke rnexxielha s'issa timmanipula ulied l-istess partijiet kontra l-istess esponent fejn minhabba din l-attitudni kapriccjuza taghha rnexxielha tohloq storja b'hajja intollerabbli.

Talab lill-attrici rikonvenzjonata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

a. Tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lill-intimata rikorrenta.

b. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

c. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod li l-intimata tilef, ukoll bhala konsegwenza kull jedd li ghandha fuq nofs l-akkwisti li saru waqt iz-zwieg imma partikolarment bil-hidma tal-esponent.

d. Tapplika fis-shih kontra r-rikorrenta l-effetti tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

e. Tordna li r-rikorrenta thallas l-ispejjes li saru fir-rigward tad-dar matrimonjali – mill-inqas nofs – u spejjes ohra relatati mal-komunjoni tal-akkwisti specjalment minn meta bdew il-proceduri anke mill-bidu u cioe' mill-medjazzjoni.

f. Illi stante li r-rikorrenta hi kapaci tahdem tordna li thallas manteniment ghall-esponent u tikkundanna ukoll lir-rikorrenta thallas dawk il-manteniment li dina l-Onorabbli Qorti taghzel li takkorda f'dan ir-rigward.

g. Tikkundanna r-rikorrenta tikkonsenja lill-esponent il-beni kollha parafernali tal-esponent u separatament l-esponent jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni tieghu. Illi fin-nuqqas tikkundannha thallas somma li tigi likwidata rapprezentanti l-istess proprjeta' parafernali.

h. Tiddikjara li l-proprjeta' kollha, partikolarment, imma mhux eskluzzivament id-dar matrimonjali tigi assenjata u b'hekk okkupata mill-esponent ad eskluzzjoni tar-rikorrenta iktar u iktar minhabba tortijiet imputabbli lit-rikorrenta.

i. Tawtorizza lill-esponent jirregistra l-eventwali sentenza definittiva fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjes kollha kontra l-intimata rikorrenta li minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-attrici/rikorrenta AB fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Illi fl-ewwel lok l-attrici tirreferi ghall-kontro-talbiet ta' zewgha li dana jidher car illi gie ggwidat minn terzi persuni li jidher li lanqas jafu ezatt x'iridu jghidu imma bir-responsabbilitajiet kbira ghamlu referenzi serji fuq l-unur u l-kredibilita' tar-rikorrenti/attrici li jhallu effett ta' trauma

fuq it-tfal minuri u li kull min wettaq dan l-abbuz hu min hu sejjer jigi mfittex ghad-danni quddiem il-Qorti kompetenti billi ma huwa minnu xejn dak li hemm fit-tieni premessa li r-rikorrenti/attrici "irrendiet ruhha hatja ta' tortijiet serji liema tortijiet jinkludu minacci, adulterju, mohqrija, ingurji gravi, eccessi, thedded u swat tant li z-zwieg bejn il-partijiet sar impossibbli" u l-attrici qiedgha taghmilha b'mod mill-iktar emfatiku illi jekk ma jigux irtirati dawn l-akkuzi moqzieza, ivvintati, legalment u fattwalment mhux gustifikati, hija personalment u ghan-nom taz-zewg uliedha sejra tfittex mhux biss lill-intimat/konvenut imma anke lil kull minn ghenu jew kitiblu dawn il-kliem halli din in-nuqqas ta' serjeta' fil-Qrati taghna ta' min jigi biex jipprezenta att gudizzjarji f'forum li ghandu jkun dinjituz, ihallas skond il-ligi anke billi jaghmel tajjeb ghad-danni li gew sofferti, qeghdin jigu sofferti u ghad jistghu jigu sofferti.

2. Din mhux theddida imma asserzjoni cara bil-gurament tar-rikorrenti li mhux sejra taccetta insulti fuq il-gieh u l-unur taghha bhal ma saret fit-tieni premessa u li anke hi trid taghti spjegazzjoni dwar dawn liz-zewg ulieda minuri li jafu x'inhu ghaddej u ma jistghux jifhmu kif missierhom kellu l-wicc li jitkeb dawn l-akkuzi foloz ghad illi huma perswazi li dawn mhux gejjin min-naha ta' missierhom.

3. Illi l-istess jinghad ghat-tielet premessa li bil-wicc tost kollu l-intimat/konvenut abbina mat-tieni premessa li kif gia' intqal hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt u fejn l-intimat/konvenut jew min mkitiblu dawn il-premessi zied fl-abbuz tieghu fil-konfront ta' martu u z-zewg uliedu minuri meta mmalafama lir-rikorrenti/attrici li hija qeghda timmanipula lill-istess ulied minuri kontra missierhom u fejn minhabba din il-manipolazzjoni l-istess rikorrenti/attrici kienet

strumentali biex farrket lill-familja B, dawn il-falsitajiet baxxi min-nies ta' kuxjenza Kriminali li jippruvaw icappsu omm ta' integrita' fil-konfront ta' uliedha meta l-verita' kif tirrizulta fil-mori tal-kawza hija xi haga totalment differenti, l-attrici mhux sejra toqghod ghalihom u a bazi tat-tieni u t-tielet premessa fil-kontro-talbiet tal-intimat/konvenut jew min kitibhomlu, l-attrici f'isimha proprju u ghan-nom ta' zewg uliedha minuri sejra taghmel il-proceduri idoneji skond il-ligi fil-forum kompetenti relatat mal-libelli.

L-attrici rikonvenzjonata ghamlet is-segwenti kontro-talbiet:-

4. Illi l-esponenti rikorrenti/attrici f'dan l-istadju taghmel referenza ghad-disa' kontro-talbiet ta' zewgha li kif impostati minnu m'ghandhomx jintlaqghu billi filwaqt li l-ewwel talba tirreferi li l-firda personali ghandha tigi ddikjarata ghal ragunijiet imputabbli lill-intimata/rikorrenta kif impostata fit-talba, ir-rikorrenti/attrici tiddikjara li l-firda personali (u hemm possibilita' li fil-mori tal-kawza din it-talba tigi sostitwita ghal wahda ta' hall taz-zwieg permezz tal-procedura tad-divorzju) billi l-konjugi B ilhom ma jiddeportaw lilhom infushom versu xulxin bhala mizzewwgin ghal numru ta' snin u cioe' mill-inqas ghaxar snin kif jigi elaborat u ppruvat fil-mori tal-kawza, kif gia' hemm referenzi bizzejjed fl-affidavits u provi ohra li gia' ntavolat l-attrici u f'affidavits ulterjuri li sejrin isiru wara li jittiehed il-gurament fuq din ir-risposta guramentata ghall-kontro-talbiet tal-istess intimat/konvenut F sive GB id numru 145961 (M).

5. Illi dwar it-tieni talba tal-intimat/konvenut, l-attrici taqbel li ghandha tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti pero' mhux fis-sens kif imposta zewgha li ghalih la l-attrici u lanqas uliedu ma ghandhom l-ebda

importanza 'il ghaliex ghal rasu kien jahseb, ghal rasu baqa' jahseb, imma dak akkwistat il-familja tar-rikorrenti/attrici gie l-iktar hekk akkwistat bil-hila tal-hidma taghha billi l-intimat/konvenut GB huwa insensittiv ghall-ahhar ghal dak li thoss martu (jew kienet thoss martu) u ghal dak li jhossu uliedu li diga' fl-etajiet ta' hmistax u hdax-il sena rispettivament, ghalihom missierhom l-intimat m'ghandu l-ebda sinifikat u hawnhekk dina l-Onorabbli Qorti qieghda tintalab biex tara l-affidavits imhejji mill-istess zewgt itfal minuri, konfermati bil-gurament, li ghalihom kienet ukoll esperjenza trawmatika li jiddikjaraw dak li waslu biex jiddikjaraw fl-affidavits taghhom u li minn fuq l-intimat/konvenut jew min kitiblu dak li allegatament inkiteb fejn ir-rikorrenti/attrici tigi mghajra li hi mmanipulat lill-istess tfal minuri kontra missierhom allura l-ewwel zewg kontro-talbiet tal-intimat/konvenut ghandhom jintlaqghu fis-sens kif interposti mill-istess attrici/rikorrenti fir-rikors promotur guramentat taghha u li l-intimat/konvenut ried jipprova jikkupjaha imma naturalment it-talbiet tieghu ghandhom jigu assorbiti mit-talbiet promotrici u kwazi simili mitluba mill-istess rikorrenti/attrici AB id numru 0282968 M) f'isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza taz-zewg uliedha minuri.

6. Illi t-tielet talba tal-intimat/konvenut hija wahda frivola u vessatorja u miktuba minn elementi rresponsabbli li ma jgharfux xi tfisser hajja mizzewga 'il ghaliex apparti ripetizzjoni tat-tieni talba tal-intimat/konvenut hemm allegazzjonijiet fierha, immaturi, deprivati minn serjeta' u rispett dinjituz lejn l-attrici/rikorrenti omm ta' zewgt itfal u ghalhekk l-attrici/rikorrenti thoss illi din it-tielet talba ghandha ukoll tigi respinta, issir referenza ghat-talba ekwivalenti taghha u f'dawn ic-cirkostanzi l-ewwel tlett talbiet ghandhom jigu respinti kif del resto it-talbiet l-ohra tal-konvenut/intimat fil-kontro-talbiet tieghu.

7. Illi r-raba' kontro-talba ta' FB ghandha tigi respinta billi jew ma jafx x'qed ighid jew ma jifhimx f'dak li qed ighid jew min qed ighid f'ismu qieghed jipprova jew qeghda tipprova jew qeghdin jippruvaw joholqu sensazzjonalizmu f'dan il-kaz billi titlob l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq., il-Qorti hija umilment mitluba biex tistaqsi lill-intimat/konvenut x'jifhem b'din il-frazi jekk kitibha hu u jekk ma kitibhiex hu x'qalulu li suppost tifhem b'din il-frazi li fin-nuqqas ta' dan ir-rikorrent/attrici qieghda titlob li jittiehdu passi kontra dawn it-talbiet abbuzivi u fejn diga' saret intimazzjoni da parti tar-rikorrenti/attrici li hija sejra tfittex f'kawza ta' libel ad hoc ghad-danni li kull min akkuzaha b'adulterju fl-intavolar ta' dan l-att gudizzjarju odjern u partikolari tal-kontro-talbiet b'hekk il-konfuzjoni li hemm fis-sub-konxju tal-intimat/konvenut jew lil min dan inkariga biex jikteb talbiet hekk kaotici li lanqas is-sens ta' direzzjoni legali taghhom ma tista' tifhem imma li l-implikazzjoni tista' tigi assorbita ghal ragunijiet ta' diskreditar tal-integrita' u tal-unur tal-attrici/rikorrenti f'dan is-sens ir-raba' talba ghandha tigi ukoll respinta.

8. Illi din it-talba ukoll ghandha tigi respinta ghal ragunijiet li diga' ntqalu fir-rikors guramentat promotur tar-rikorrenti/attrici AB f'isimha prorju u ghan-nom taz-zewg uliedha minuri u dana peress illi l-ispejjez li saru fir-rigward tad-dar matrimonjali huma assorbiti tul is-snin u z-zmien li l-attrici "sefftret" lil zewgha fejn dina ghadha sal-gurnata tal-lum tahsillu l-hwejjeg u ssajjarlu l-ikel, izommlu dar nadifa u taghtu l-ikbar haga li mara tista' taghti ossia zewgt itfal li l-intimat/konvenut qatt ma tat kashom bhal ma qatt ma ta kas martu. Illi oltre dan kienet l-istess attrici/rikorrenti li dak kollu li taqla' mill-impjieg taghha jmur l-ewwel u qabel kollox ghaz-zewg ulied minuri, it-tieni ghall-htigijiet bazici tad-dar matrimonjali u t-tielet ghall-bzonnijiet tal-familja u l-ahhar jekk

jifdal imur ghall-bzonnijiet tal-istess attrici/rikorrenti li qieghda taghmel sagrificcji enormi li tahdem matul il-lejl bhala night nurse fl-Isptar Mater Dei biex b'dik ix-xi haga addizzjonali tkun tista' tghin dejjem ftit ahjar lil familja taghha u allura din il-hames talba hija indikazzjoni ohra tan-nuqqas ta' direzzjoni serja li qed jinghata l-istess konvenut/intimat imma li l-istess konvenut/intimat FB jrid jew jiccaraw is-sitwazzjoni jew inkella se jigi mizmum responsabbli ghad-danni kollha nkluz min qed jiggwidah f'din it-triq hazina u ghaldaqstant l-ewwel hames talbiet fil-kontro-talbiet tal-intimat/konvenut jigu respinta bl-ispejjes kollha, inkluz spejjes doppji jekk hemm bzonn kontra l-istess intimat/konvenut jew min dahlu f'din id-direzzjoni kaotika u dana 'il ghaliex ir-rikorrenti/attrici trid tissalvagwardja l-unur u l-integrita' tal-familja li b'responsabbilita' kbira dejjem rabbiet hija wahidha.

**MANTENIMENT U SPEJJEZ STRAORDINARJI**

9. Illi b'referenza ghas-sitt kontro-talba ta' FB dan imissu jisthi jew imissu jisthi min gieghlu jikteb hemm 'il ghaliex ir-rikorrenti hija mara biezla, mara serja, mara li tahdem ghall-gid tal-pajjiz bhala nurse bhala omm u bhala mara mizzewga, tliet ingredjenti zgur li m'ghandux l-intimat/konvenut li ma jimpurtah xejn mill-familja tieghu, ghandu diversi impjiegi billi jahdem ukoll ta' bidwi, qatt ma jaghti sodisfazzjon xejn x'jaqla' jew x'ma jaqlax lir-rikorrenti/attrici u qatt ma jaghti kas la mir-rikorrenti u lanqas minn uliedu tant illi l-ulied wasslu f'estremita' li lanqas iridu jafu biss aktar b'missierhom u li allura jigi l-konvenut/intimat jew min kitiblu s-sitt talba u jghid li r-rikorrenta hi kapaci tahdem, tordna li thallas manteniment ghall-esponent u tikkundanna ukoll lir-rikorrenta thallas dak il-manteniment li dina l-Onorabbli Qorti taghzel li takkorda rikorrenta thallas dak il-

manteniment li dina l-Onorabbli Qorti taghzel li takkorda f'dan ir-rigward, turi l-injoranza, l-arroganza, il-bombasticita' u n-nuqqas ta' serjeta' kemm tal-intimat/konvenut u min ghenu jikteb din is-sitt talba u ghaldaqstant, din is-sitt talba bhat-talbiet l-ohra precedent fil-kontro-talbiet tal-intimat/konvenut ghandhom jigu skartati billi kollha kollettivament juru l-ingredjenti ta' aggettivi li ghalihom ghadha kif saret referenza u ghaldaqstant din is-sitt talba li lanqas tista' tissejjah talba imma hija frott ta' mhuh imberflin ghal dak li huma kuncetti serji u nobbli fil-konfront tat-tmexxija fil-familja, tali talba ghandha tigi ukoll skartata u respinta bhat-talbiet l-ohra precedenti.

10. U l-istess jinghad ghas-seba' talba li ovvjament ir-rikorrenti/attrici qed issibha totalment inaccettabbli li timmagina li dawn huma t-talbiet ta' zewgha 'il ghaliex min kitibhom dawn it-talbiet tant ma jafx kif jitmexxa l-familja B, tant m'ghandux esperjenza ta' hajja mizzewwga tant huma redikoli dawn it-talbiet kif impustati u juru dilettantizmu u nuqqas ta' gharfien ta' kif jimxu r-relazzjonijiet ta' bejn il-mizzewwgin, li r-rikorrenti/attrici minkejja l-elementi negattivi kollha f'zewgha ma timmaginax li dawn vera kitibhom zewgha 'l ghaliex effettivament l-intimat/konvenut ma kellu ebda beni parafernali biex nibdew biss u lanqas hu kapaci jamministra xejn billi sar avvanz fil-familja tar-rikorrenti/attrici grazzi ghall-bzulija tal-istess rikorrent/attrici, kif jametti l-istess intimat/konvenut u ghalhekk dina t-talba ghandha ukoll tigi skartata billi min kitibha ovvjament m'ghandu ebda esperjenza tal-hajja matrimonjali u kif titmexxa dar fi zwieg u ghaldaqstant l-intimat/konvenut ghandu jigi ammonit li jaqra sew dawk it-talbiet illi jsiru f'ismu 'il ghaliex ir-rikorrenti/attrici bi hsiebha li titlob spjegazzjoni ta' ezatt x'suppost ifissru dawn it-talbiet u anke titlob

ghad-danni minn kull min kien responsabbli li kiteb dawn it-talbiet, huma min huma.

11. Illi nigu issa ghat-tmien kontro-talba tal-intimat/konvenut u cioe' t-talba (h) f'pagna 4 tar r-risposta guramentata tal-konvenut FB illi lanqas ismu ma jafu jittajpjawlu 'il ghaliex kitbulu "H" meta effettivament l-isem kellu jkun "F."

12. Illi t-talba ohra redikola da parti tal-konvenut/intimat hija t-tmien talba tieghu li evidentement min kiteb dawn it-talbiet jidher illi qabad u tefaghhom ghal saqajhom 'il ghaliex l-ebda wahda minnhom ma taghmel sens fl-inkwadratura tar-realta' tal-hajja matrimonjali, il-familja, it-trobbija, l-assi u d-diligenza da parti tar-rikorrenti/attrici f'isimha proprju u ghan-nom taz-zewg uliedha minuri u ghaldaqstant talbiet bhal dawn fejn frazijiet li ma jfissru xejn huma vagi ghall-ahhar jitfghu ghal saqajhom biex jippruvaw jimpressjonaw lill-Qorti, ir-rikorrenti/attrici perswaza li minn dan kollu mhu sejjer isir xejn ghad illi ghandha dubju serju kemm seta' dawn it-talbiet gew mill-intimat/konvenut li jaf l-ghixjien tieghu fi hdan familja esklussivament grazzi ghall-bzulija tar-rikorrenti/attrici u ghalhekk dawna d-disa' talbiet tal-intimat/konvenut fil-kontro-talbiet tieghu ghandhom jigu skartati bhala addenda rrilevanti, immaturi u nieqsa minn kull forma ta' kredibilita', professjonalita' u serjeta' u fic-cirkustanzi ghalhekk ghandhom jigu kkonfermati t-talbiet mertu ta' din il-kawza tar-rikorrenti/attrici filwaqt li naturalment l-ispejjes kollha, gudizzarji u extra-gudizzjarji partikolarment ta' dan il-hela ta' hin f'disa' talbiet totalment bla sens impostati f'isem il-konvenut/intimat dawna ghandhom jigu ssopportati kollha mill-intimat/konvenut waqt li l-Qorti tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti/attrici apparti milli definittivament

tordna l-allontanament mid-dar matrimonjali tal-istess intimat/konvneut.

13. Tant ghandha x'tissottometti u tikkonferma bil-gurament taghha r-rikorrenti/attrici AB de proprio et nomine waqt illi tirriserva li fi stadju ulterjuri f'dawn il-proceduri odjerna tipprezenta aktar affidavits qabel il-Qorti tibda tisma' l-ewwel udjenza ta' din il-kawza odjerna, l-ewwel appuntament indikat proprju ghal nhar it-Tnejn, 20 ta' Marzu, 2012.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat li b'digriet tat-18 ta' April, 2012, dina l-Qorti nnominat lil Dr. Christine Bellizzi bhala perit legali.

Fil-mori tal-kawza, il-minuri kollha saru maggorenni u ghaldaqstant dina l-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu tal-kura u kustodja, filwaqt in kwantu jirrigwarda l-manteniment, jekk hu l-kaz sa fejn ghandu japplika l-fatti ser jittiehdu in konsiderazzjoni.

**<u>FATTI</u>**

1. L-attrici tiddeskrivi lil zewgha l-konvenut bhala persuna pussessiva u dominanti. Tghid li l-konvenut kien ihobb johrog ghar-rasu u ma kienx ighidilha fejn hu sejjer.

Tispjega li l-ewwel problemi fiz-zwieg taghhom kienu relatati ma' flus. Kienet ippruvat tikkonvincih li jkollhom but wiehed, izda l-konvenut ma kienx ried. Tghid li kienet thallas sehemha mil-loan, il-bzonnijiet ta'

kuljum, kif ukoll l-ispejjes tal-hajja, filwaqt li l-konvenut kien ihallas biss sehemhu mil-loan.
Kien hemm problema ta' nuqqas ta' komunikazzjoni skond l-attrici, peress li l-konvenut kien ta' ftit kliem, tant li ma kinitx taf fejn kienet qiedgha mieghu. Meta gew biex jixtru d-dar matrimonjali kienu ddiskutew ftit, imma kienet baxxiet rasha ghall-post li kien ghogob lilha.

Tispjega li l-unici interessi fil-hajja tieghu kienu x-xoghol u r-raba', kif ukoll il-genituri tieghu. Il-familja u t-tfal kienu jigu wara. Kien ghadu jrid ighix hajja ta' guvni u jzomm il-paga tieghu ghalih biss.

Meta kellha tlett xhur tqala, l-attrici tghid li kienu ggieldu u l-konvenut kien telaq mid-dar u qalilha li kien ser inehhi hajtu. Kien hemm incident iehor fejn hasbet li ma kienx normali u dan kien meta kien qalilha li ried joqtol patri. Minn hawn bdiet tibza' u kienet imwerwra minnu. Peress li kien ser ikollhom tarbija kienet iddecidiet tieqaf mix-xoghol peress li ma kellhiex ghajnuna, izda peress li l-konvenut ma kienx beda jghaddilha hafna flus, kemm ighaddu biex jieklu, kienet tiekol minn gewwa u kienet ukoll tghinha ommha. Minn hemm iddecidiet li terga' tmur tahdem, izda minhabba li kellha tibghat lit-tifla nursery, finanzjarjament ma kienx jaqblilha u ghalhekk kienet regghet waqfet. L-attrici tichad ukoll li hija riedet id-dominju assolut fuq il-finanzi, anzi tghid li kien il-konvenut.

L-attrici ssemmi diversi incidenti ohra li kkontribew ghat-tifrik fiz-zwieg taghhom bhal meta ma riedx jattendi ghall-precett tat-tifel taghhom E, hi u bintha hbew il-mobile ghal erba' snin. Kienet xtratulha sabiex tkun tista' tikkomunika maghha, izda l-konvenut malajr kien jahseb li kellha l-flus u kien iwaqqfilha l-flus ghall-hajja. L-attrici elenkat diversi incidenti ohra fl-affidavit taghha li jikkoncernaw l-agir irragonevoli tal-konvenut. Maz-

zmien kien beda jheddidha u peress li kienet bdiet tirresistih kien imbaghad beda bil-vjolenza domestika.

L-agir tieghu kien wassal sabiex inhareg protection order kontrih fil-5 ta' Lulju, 2011.[1]

Kien beda jakkuzaha li ma kinitx issajjarlu, meta ma kienx minnu, kif ukoll kien iffissa li kienet qed taghmillu l-velenu mal-ikel, meta ma kienx minnu. Beda jaghmel l-ikel ghalih u jiekol wahdu, Kien anke jgib il-haxix mir-raba' u juzah ghalih.

Ghall-attrici, il-konvenut kien biss interessat li sseftirlu u tiehu hsieb u tonfoq il-flus fuqhom. Tghid li tahdem part-time bhala nurse fl-Isptar Mater Dei [2] fis-shift ta' bil-lejl, tlahhaq mad-dar u mat-tfal. L-ghazla taghha li tahdem filghaxija kienet biex tkun tista' tiehu hsieb lit-tfal bin-nhar. Tghid li thossha qisha *single parent* peress li l-konvenut qatt ma jkun prezenti f'hajjithom. Jigi mix-xoghol u joqghod quddiem it-televixin bla ma jikkomunika ma' hadd. Ma jinvolvix ruhu fl-edukazzjoni tat-tfal jew johrog maghhom il-Hdud, jew meta t-tfal ikollhom il-birthdays jew ghandhom l-anniversarju. Tametti li ma kinitx baqghet tghidlu biex jattendi Parents day tat-tfal, ghax kull darba kien jirrispondi li ma kienx irid jitlef gurnata xoghol. Mhuwiex minnu tghid li kienet tghid lit-tfal biex jissakkru f'kamrithom u ma jikkomunikawx ma' missierhom, anzi tghid li kull darba li kienet tkellmu fuq it-tfal kien jitlaq 'l barra.

[1] Ara Dok. MG 5 (a) u MG 5 (b).

L-attrici ndikat id-diversi ragunijiet ghab-bazi ta' xiex qed titlob separazzjoni minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' eccessi u mohqrija u theddid.[3]

L-attrici tghid li l-konvenut qed juza' lill-kelb bhala skuza biex isib xi jwahhal fl-attrici. Ir-ritratti li esebixxa huma mehudin waqt li l-attrici tkun ix-xoghol, fejn kien isakkar lill-kelb gewwa u kien jispicca jaghmel il-bzonnijiet tieghu hemm.[4]

Kien pogga dawn ir-ritratti fuq Facebook ukoll u dan sabiex jipprova jhammigha. Kien tressaq il-Qorti minhabba f'hekk u l-Magistrat Peralta kien spicca tah twissija.

L-iktar incident li rrabbjaha kien meta l-konvenut kien dahal l-isptar bhala pazjent u peress li hija nurse, bis-sahha taghha nghata sodda f'kamra xierqa. Minflok irringrazzjaha kien beda jirridikolaha quddiem shaba u jghidilhom biex ma jafdawhiex ghax mara hazina u li tisraq. Lanqas kien kellem lit-tfal meta hadithom biex jarawh. Minhabba f'hekk it-tieni darba li l-konvenut rega' spicca l-isptar peress li kellu attakk ta' gebla, ma kinitx marret tarah minhabba l-attitudni tieghu d-darba ta' qabel.
`

**Dawl u Ilma**

L-attrici tispjega li hi biss kienet tispicca thallas il-kontijiet, l-ispejjes tal-hajja, mard u x-xiri ta' appliances  u dan minkejja li kienet issuggerit qabel ma zzewwgu li jkunu kexxun wiehed. Kienet tahseb li l-konvenut kien qed

[3] Ara fol. 51 – 53 tal-process.
[4] Ara Dok. 02 u 03 anness mal-affidavit tal-attrici.

ifaddal biex jiehu hsieb il-familja tieghu, meta fil-fatt kien ifaddal il-paga tieghu.

Wara li kellha t-tfal, il-konvenut kien sfurzaha sabiex tirrizenja ghaliex ma riedx jippartecipa fit-trobbija tat-tfal. Ma riedx imantni lilha u lil binthom C. Kien ghalhekk li ommha kienet tibghatilha l-flus biex tixtri l-hwejjeg u l-hrieqi ghat-tarbija. Izda maz-zmien sahhitha ma kinitx tippermettilha li tkompli tahdem u sabiex ma tibqax tittallab minghand ommha kienet harget tahdem u dan meta t-tifla kien ghad kellha xahar biss. Tghid li spiccat li kellha tiehu lit-tifla child care centre u kienet thallas kwazi l-paga kollha taghha.

Dwar l-arloggi tad-dawl u ilma li kienu jinstabu fil-garaxx u fir-raba', il-kontijiet taghhom kien jiehu hsiebhom il-konvenut. Kien jinsisti li dawn l-attrici ma thallashomx u dan peress li l-garaxx u r-raba' ma kinux jappartjenu lilha. Ma kinitx insistiet peress li l-konvenut ma kienx jikkontribwixxi ghall-ispejjes tal-edukazzjoni tat-tfal. Tghid li l-paga taghha tmur kollha fuq it-tfal. Il-konvenut jirrifjuta li jhallas peress li l-privat ghalih kienu kapricc.

Minn meta hareg id-digriet tal-Qorti qed thallas hi ukoll nofs l-ispejjes tal-kontijiet tad-dawl u ilma.

**<u>Vetturi u Dar Matrimonjali</u>**

L-attrici ghandha Peugeot 106 second hand. Dwar l-Isuzu Gemini IAV 793 u l-Peugeot 207 RBT 141 tghid li dawn qatt ma kienu taghha. Kienet tinqeda bl-Isuzu biex taghmel il-qaghdiet relatati mat-tfal. Kien hemm incident li fiha kienet involuta bl-Isuzu u kien sar arbitragg. Kienu

inghataw xi flus wara r-rebha tal-arbitragg, izda l-attrici tishaq li qatt ma rcevithom f'idejha. Dwar il-Peugeot 207, jekk kien hemm loan fuqha, tort tal-konvenut, ghax l-attrici tistqarr li qatt ma gieghlitu jixtri dina l-vettura, meta kellu vetturi ohra. Din pero' thallset. Ghal Peugeot 106 tghid li l-konvenut kien xtraha mill-paga tieghu, izda kienet tatu €3,000 kontanti u kienet tathomlha ommha. Ma kellhiex prova dokumentali ta' dan il-hlas peress li hallset cash. Rigward l-ispejjes tal-hsarat fil-vettura taghha, tinnega li hallashom il-konvenut. L-attrici tinnega li dawn it-€3000 u l-flus li ha mill-arbitragg, il-konvenut kien uzahom sabiex jirranga d-dar.

Tghid li l-konvenut jippreferi jonfoq flusu fuq il-muturi u l-karozzi, minflok jonfoqhom fuq uliedu. Tikkonferma li l-konvenut kien hallas ghall-kamra tas-sodda, il-kcina, il-kmamar tat-tfal, izda hi kienet hallset ghall-purtieri, tapiti, saqqu, bedspread u furnishings ohra. Tghid li kienu xtraw washing machine kull wiehed u kienet xtrat l-appliances tal-kcina.

L-attrici tkompli tispjega li minn dejjem hallset ghall-edukazzjoni u affarijiet ohra relatati maghhom.

Dwar id-dar matrimonjali jghid li l-konvenut ried li jidher hu biss fuq il-kuntratt, izda l-attrici tinsisti li m'accettatx u sar fuqhom it-tnejn u tghid li minkejja li kienet harget sehemha ma kinitx talbet lill-konvenut ghall-ircevuta tal-flus.

**<u>Manteniment u affarijiet ohra</u>**

L-attrici tistqarr li l-konvenut ma kienx ighatiha flus u dan probabilment peress li kienet tahdem full-time.[5] Dak iz-zmien mill-paga taghha kienet thallas il-kontijiet li kienu jircievu, kienet thallas parti mil-loan, kif ukoll ghall-ispejjes tal-ikel u tal-hajja ta' kuljum. Il-konvenut kien ihallas sehemhu mil-loan.

Meta twieldet l-ewwel tarbija C kien ighaddilha cucata ta' flus fil-gimgha u kien jirrabja u jghajjarha li kienet qed tisirqu. Dak iz-zmien sahhitha ma kienx jippermetilha li tmur tahdem. Kien ghalhekk li kienet talbet l-ghajnuna minghand ommha u l-ftit flus li kien jifdal kienet tlibbes it-tifla u thallas l-ispejjes ta' mard li kien jinqala'. L-istess kien gara meta twieled it-tifel hames snin wara. Il-konvenut qatt ma kien jixtrilhom hwejjeg jew affarijiet tal-bzonn.

L-attrici tispjega li kienu ghamlu tlett xhur ghaddejjin bil-medjazzjoni u kienet baqghet bla manteniment. F'dan iz-zmien ir-ragel kien qed ihallas xi kontijiet. Kellha twaqqaf l-iskola tal-arti li kienu jattendu t-tfal minuri u kienet anke waqfet it-tennis li kienet tattendi binthom C.

Fit-2 ta' Mejju, 2012, kien inhareg digriet li ordna l-hlas ta' manteniment fl-ammont ta' €186 u l-attrici tispjega li l-konvenut kien ilu ma jghaddilhom manteniment mill-31 ta' Marzu, 2012, izda issa qed ihallas b'mod regolari skond id-digriet. Dakinhar halla €100 fuq il-vetrina. Qabel dina d-data kien ihalli cirka €150 fil-gimgha jew €100 fil-gimgha. Beda ihallas il-manteniment b'mod inkonsistenti u ghalhekk f'Settembru, 2013 sabiex il-manteniment jibda jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut. Tghid li ghandu paga ta' cirka €200 fil-gimgha u hi lanqas idahhalhom u

[555] Ara Dok. MG 2

jaqla' izjed peress li jaghmel xoghol ta' welding ukoll privatament, kif ukoll kien jahdem overtime.

Tichad ukoll li l-kelb ikkaguna hsara fl-ammont ta' €5,000.

Tispjega li l-konvenut jahdem bhala welder ma' Bonnici Bros. u jahdem ukoll fir-raba' , minn fejn ukoll jahdem xi bibien u twieqi tal-hadid lin-nies u ma jiddikjarax dan l-introjtu. L-istess jaghmel bl-inbid li jaghmel u jbiegh ukoll xi prodotti tar-raba'.

L-attrici tkompli tispjega li mill-introjtu taghha u meta l-konvenut jaghtiha l-manteniment, €14, 189.53 minn dawn il-flus imorru lejn l-edukazzjoni u t-trobbija tat-tfal. Dwar l-allegazzjoni da parti tal-konvenut li jaghtiha €8,767, skond l-attrici mhux minnu peress li ma kienx konsistenti fil-hlas tal-manteniment u dak li jhallas imorru lejn l-ispejjes tal-ikel. Bhala sehemhu jhallas €7, 800 u flimkien mal-ammonti li thallas hi ma jifdal xejn.

2. ID, omm l-attrici tghid li bintha kienet tilmenta fuq iz-zwieg taghha mal-konvenut u kienet taghtiha parir biex tiehu pacenzja biex izzomm il-familja maghquda.

Tikkonferma li l-konvenut ma tantx kien juriha rispett u kien zorr, selvagg u possessiv, tant li tul iz-zwieg, ma kienx tela' mal-attrici iktar minn sitt darbiet Ghawdex, peress li kienet toqghod hemm. Lanqas kien ihalli lill-attrici titla' ta' spiss. Tghid li qatt ma taf li l-attrici qaltilha li kien ikollha hafna argumenti mal-konvenut biex jitilghu Ghawdex minhabba huha J u ghaliex dan kien ghadda guri. Meta kienet titla' l-attrici, kienet toqghod ghandha u ma kinitx iddum iktar minn jumejn. L-unika darba li kienet

damet kien meta welldet lit-tifla C, fejn damet xi gimgha. Tikkonferma li l-konvenut kien qata' l-wires tat-telefon u ghalhekk kienet titkellem mal-attrici fuq il-mobile.

Milli kienet tara tghid li ftit kien juri attenzjoni, rispett u mhabba lejn l-attrici, izda minkejja kollox, l-attrici xorta wahda kienet turih rispett u thobbu. Tispjega li darba kull xahrejn kienet titla' ghandhom u taghmel xi weekend jew toqghod ghall-gurnata. Meta kienet tinserta tkun hemm, il-konvenut kien jinserta jigi d-dar fil-breaks tieghu u lanqas kien isellmilha u lanqas kien jitkellem mat-tfal, jekk kienu jkunu hemm. Minn dejjem qatt ma kien jifrah bit-tfal.

Tistqarr li problema ohra fiz-zwieg, kienet ix-xhuhija tal-konvenut. Fil-bidu taz-zwieg, l-attrici kienet tahdem u kienet tiehu hsieb l-ispejjes, izda meta mbaghad kienet qed tistenna l-ewwel tarbija kellha tieqaf u tiddependi mill-konvenut u kienet giet aghar. Ftit li xejn kien ighatiha flus u kien mohhu biss biex ifaddal. Lanqas kien johrog sold ghall-ispejjes tas-sahha u l-edukazzjoni tat-tfal. Ghal dak li jirrigwarda spejjes tal-privat kien jarahom hela ta' flus u qatt ma kien ikkontribwixxa ghal dawn l-ispejjes. Ix-xhuhija tghid li kienet tinduna biha bil-manjieri tieghu.

Tkompli tghid li l-attrici ppruvat tikkonvinci lill-konvenut sabiex imorru *counselling*, izda qatt ma ried. L-attrici kienet telqitu l-ewwel darba sentejn wara z-zwieg u kienet marret toqghod m'ommha, izda peress li l-post taghha zghir kienu skomdi u omm l-attrici thoss li dan kien fattur determinati li wassal lill-attrici sabiex tmur lura f'darha u mal-konvenut.

Fl-2007 kienet telqitu darb'ohra u kienet anke fethet proceduri ta' medjazzjoni. Pero' dina l-medjazzjoni nghalqet ghaliex l-attrici, li kienet

regghet marret toqghod ghand ommha, kienet skomda, izda ma kellhiex il-mezzi biex issib post alternattiv. Kienet anke sabet xoghol il-Kempinski Hotel, regghet ghamlet sforz u marret tghix lura mal-konvenut. Kien f'dan il-perjodu li missier l-attrici kien miet u ommha kienet ippruvat kemm il-darba tikkuntatjaha sabiex tavzaha, izda saret taf li l-konvenut kien qata' l-wires tat-telefon bl-imqass. Kienet ghamlet kuntatt mas-social worker, li kienu bghatu lill-pulizija. Il-konvenut kien sakkarha fid-dar. Wara dan l-episodju, l-attrici kienet qabdet hwejjigha u marret toqghod ghandha, flimkien ma' uliedha. Tichad li l-attrici kienet hadet xi oggetti appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti u gabithom id-dar ghand ommha.

Izid tghid li  minn hawn l-affarijiet bdew sejrin ghall-aghar ghaliex bdiet il-vjolenza domestika li wassal sabiex il-konvenut wehel probation ghal sena u aktar tard wehel ohra ghal sitt xhur. Sa dan iz-zmien, il-konvenut lanqas kien ihalli lit-tfal johorgu, izda mbaghad kien johrog mat-tfal ta' hutu.

F' Settembru, 2011, l-attrici kienet regghet bdiet bil-proceduri ta' medjazzjoni, li ma waslu mkien u spicca li kellha tiftah kawza. L-attrici ghadha tbati mis-sitwazzjoni fejn il-konvenut ma jhallas xejn mill-ispejjes, hlief ghall-kontijiet tad-dawl u ilma u nehha l-fuse tal-gyzer sabiex ma jinhelix dawl u ghalhekk ma kienx ikollhom mishun. Il-konvenut ukoll spicca biex nehha hafna mill-programmi li jhobbu jaraw it-tfal fuq it-televixin biex jara biss dak li jhobb hu. Tghid li kienet rat il-plakki maqtughin. Il-konvenut ma jghaddix il-manteniment fil-hin, lanqas jikkoopera fl-affarijiet tad-dar, anzi bhala vendikazzjoni, ihalli l-kelb gewwa sakemm l-attrici tkun ix-xoghol biex jaghmel il-bzonnijiet tieghu hemm u jhammeg. Tikkonferma ukoll li l-attrici ghadha bla linja telefonika sal-lum.

Il-konvenut waqaf ihedded lill-attrici wara li harget il-Protection Order mill-Qorti. Madanakollu, omm l-attrici tinsisti li l-problema kienu hemm mill-bidu taz-zwieg peress li l-konvenut huwa persuna li ma jafx ihobb. Lanqas qatt ma xtara rigal ghat-tfal, lanqas ghall-birthdays u lanqas ghall-Milied.

Omm l-attrici tghid li bintha hija mkissra kemm finanzjarjament, kif ukoll psikologikament u tibza hafna mill-konvenut. Kienet taf li l-konvenut kien waddab *tin opener,* kif ukoll bajda lejn l-attrici u minkejja li ma kinitx prezenti dan kienet tafu ghaliex l-attrici kienet cemplitilha peress li kienet migugha.

Dwar l-ghamara tad-dar matrimonjali, omm l-attrici esebiet ritratti mehudin mill-attrici stess li juru l-istat kif qed tghix. Ma tistax tirranga d-dar ghaliex dejjem hemm il-biza' li jkun hemm tkissir ta' ghamara jew tisparixxi l-ghamara, bhalma gara bil-kamra tas-sodda tat-tifel. Fil-fatt, tispjega li llum it-tifel jorqod fuq folding bed li xtratlu l-attrici.

Omm l-attrici tghid li bintha tahdem hafna u bhala nurse Mater Dei kienet irrangat li tibda tahdem *night shifts* sabiex bin-nhar tkun mat-tfal. Tkun ghajjiena ghax minn xoghol ghal xoghol u lanqas m'ghandha hin ghaliha. Minhabba li l-attrici trid is-separazzjoni, tghid li l-konvenut ighajjarha mignuna peress li missierha kien ibati minn depressjoni.

3. Il-konvenut iltaqa' mal-attrici minhabba li kellhom habib komuni. L-attrici kienet Ghawdxija u kienet tahdem Malta. Meta kien iltaqa' maghha kienet tghix f'kunvenut f'Santa Venera, mas-sorijiet, mbaghad marret tghix ma' tlieta ohra Ghawdxin.

Ighid li l-gherusija taghhom damet seba' snin u kienu jimxu tajjeb flimkien u mal-familjari taghhom. Kienu xtraw post 40/1. Triq il-Htajriet, Mosta. Fiz-zmien l-gherusija, kien gara li hu l-attrici, li kien jiehu d-droga spicca erbatax-il sena habs minhabba gie kkundannat b'omicidju. Minhabba f'hekk ma tantx kien jiehu gost imur izur lil ommu.

Il-konvenut jispjega li l-attrici kienet thalli lil missierha barra minn kollox. Kienu jmorru jarawh, izda ma kienitx stednitu meta tgharrsu u lanqas ghaz-zwieg u riedet li jtellaghha huh. Sentejn wara li zzewwgu kellhom it-tifla C li twieldet Ghawdex u l-attrici kienet ghamlet xi gimaghtejn tghix m'ommha.

Meta xtraw il-post, l-attrici kienet thallas l-bzonnijiet tal-hajja u hu kien itiha flus ghall-hajja, kif ukoll ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma, kontijiet tat-telephone, tal-gas, l-ispejjes tad-dar bhal ghamara, il-hlas ta' cens tal-flat, licenzji u internet.

Izid ighid li kienu hu li hallas biex id-dar tkun abitabbli u dan peress li meta xtrawha, kienet shell. Jispjega li kien ghamel il-bibien tal-post, il-conduit u wires kif ukoll il-kanen, il-kisi u tibjid hadu hsiebhom terzi, izda hallashom, u l-istess ghamel ghall-madum tal-post u hallas diversi spejjes ohra.[6] Kien anke hallas ghall-kmamar tas-sodda taghhom u tal-minuri, kif ukoll ghall-kcina, li saret ukoll fuq il-gosti tal-attrici, anke meta lanqas ikkontribwit ghaliha. Il-garaxx kienu hallsuh il-genituri tieghu. Ighid li ma kienx hemm loans u jichad li l-attrici kienet thallsu Lm100 fix-xahar biex

---

[6] Ara fol. 456 ghall-ispejjes ohra.

ihallas dan is-self. Ighid li ma kienx jaf liema appliances kienet hallset l-attrici u lanqas ma kien jaf x'kien hemm fil-kmamar imsakkrin.

Jispjega li minhabba l-proceduri kriminali li kien ghadda minnhom hu l-attrici, kien kontinwament izzikat minn shabu fuq ix-xoghol, tant li kellu jsib impjieg iehor.

Meta l-attrici ma kinitx tahdem, jistqarr li kien jaghtiha tlett kwarti mill-paga tieghu u mill-kwart li kien jifdallu kien ihallas dawl, ilma, internet, telephone u televixin. Kien ihallas ukoll l-ispejjes kollha tad-dar u kien ihallsilha t-taxxa u l-bolla u jghid li ghadu jhallshomlha sal-lum minkejja li ghandhom komputazzjoni separata. F'dan iz-zmien ukoll kien ghamlilha supplementary card fuq il-kont bankarju tieghu, izda l-attrici kienet tonfoq kollox u kienet tghidlu li l-hajja gholja u ma kinitx taghtih soddisfazzjon fuq xiex kienet tonfoqhom. Jikkonferma li s-sitwazzjoni kienet baqghet l-istess, meta l-attrici bdiet tahdem, xorta kien jaghtiha tlett kwarti tal-paga tieghu u jhallas l-ispejjes li ssemmew aktar 'l fuq.

Il-konvenut jinsisti li kienet l-attrici li riedet is-separazzjoni. Jichad li kienet telqet l-ewwel darba sentejn wara z-zwieg, izda kien biss seba' snin ilu, Kienet marret tghix Ghawdex ghand ommha u kienet damet xi xahar u nofs, sahansitra kienet ghamlet arrangjamenti sabiex it-tfal jattendu l-iskola Ghawdex ukoll f'dak iz-zmien. Kienet tinzel Malta biss sabiex tigbor il-flus u r-raguni li tatu ghalfejn telqet kienet minhabba li hasset li l-konvenut ma kienx itiha bizzejjed flus. Meta giet lura kienet gabet kelb. Dwar il-kelb li kienet gabet fid-dar l-attrici, skond il-konvenut kien ikkagunalu cirka €6,000 hsara. L-attrici kienet qaltlu li kienet gabet il-kelb biex jiddispra u mill-ewwel kien avzaha li kien ser ikun hemm problema.

Imbaghad kienet raqdet il-kelb u bbalzmatu u poggietu fuq il-gwardarobba tat-tifel.

Jichad li l-attrici kienet gabet il-kelb, wara li kien sakkar lilha u lill-minuri fid-dar u kienet talbet l-intervent tal-pulizija.

Jispjega li kemm il-mara kif ukoll it-tfal ma jaghtuh l-ebda informazzjoni u lanqas kien jaf fejn it-tifel kien imur skola, sakemm skopra u lanqas kien jaf fejn kienet tahdem it-tifla. Hu jghid li l-harga tieghu kienet jew s'ghand ommu jew sal-ghalqa. Ighid li l-attrici tghidlu li t-tfal huma taghha biss. Izid ighid li t-tifel minuri, idendel il-hwejjeg biex ighatti l-parti tal-hgieg tal-bieb u dan sabiex ma jkunx jista' jara x'hemm gewwa u addiritura jsakkar il-bieb. Anke meta binthom marret l-Iskozja mal-iskola ma kienx jaf u peress li lanqas l-attrici u lanqas it-tifel ma tawh informazzjoni fejn kienet it-tifla, kien ghamel rapport mal-pulizija li kienet "Missing." Wara diversi tentattivi, il-pulizija kien irnexxielhom jikkuntatjaw lill-attrici li infurmathom li t-tifla qiedgha l-Iskozja mal-iskola u kien ikkomunika maghha permezz ta' Messenger. Kienet irrisponditu darba u daqshekk,

Jinnega ukoll li qatt kien vjolenti lejn l-attrici u kien beda jixghel il-fan biss wara li kienet inharget Protection Order favur il-mara.

Jikkonferma li peress li kienu nstallaw is-solar water heater, ma kienx jara l-htiega li juzaw il-gyzer, sakemm ma kienx hemm xemx. Jikkonferma ukoll li ma kellhomx linja telefonika u ma kienx interessat li jgib wahda u dan peress li l-attrici qatt ma kienet tikkontribwixxi ghall-kontijiet. L-istess kien zarma t-tieqa tal-washroom biex l-attrici ma tixghelx id-dehumidifiers u zewg fannijiet u ma tahlix dawl la darba ma thallasx sehemha.

Il-konvenut isemmi diversi oggetti li hadet l-attrici qabel ma bdew il-proceduri ta' separazzjoni. Jispjega li l-attrici kienet marret m'ommha u kienu hadu kollox Ghawdex. Fost dawn kien hemm frigg u kellu jixtri wahda, kif ukoll lampshade, li mbaghad gie ritornat.

Ighid li l-attrici kienet hadet €100 mill-garaxx, zewg bicycle, flimkien mal-istand biex jingarru. Ighid li ma kienx jaf fejn kienu jinsabu. Kienet hadet ukoll boomerang u hwejjeg tal-Caterpillar li kien xtara ghax-xoghol. Kien talabha sabiex igibhom lura, izda qatt ma gabithom.

Il-konvenut qed jinsisti li ghandu diversi spejjes biex jirranga l-hsarat li kkaguna l-kelb. Irid jippolixja l-madum, inehhi x-xambrelli u l-bibien, kif ukoll jaghmel diversi tibdiliet fil-kcina. Qed jitlob il-hlas taghhom, peress li fil-fehma tieghu, minkejja li nxtraw fiz-zwieg, kien hu li kien jahdem u l-attrici lanqas ma kienet issajjarlu.

Izid ighid li kien nehha t-top cupboards tal-kcina u l-kamra tas-sodda tat-tifel meta ma tatux patata fil-forn li kienet sajjret biex taghtihom taghlima.

Dwar il-hmieg fid-dar jammetti li kien hemm zmien li kien bil-catheter peress li kien ghamel operazzjoni u gieli skapatlu.

Ma kienx dispost jerga' jarma l-kamra tas-sodda tat-tifel biex titghallem ighid l-attrici ghax hi tonfoq u hu jahdem. Meta kien ghamel zmien jahdem il-Libja kien ghamilha quickcash card u kienet tigbed flus iktar minn dak li kien jaqla'. Ma kinitx tatu spjegazzjoni fejn kienet qed tonfoq il-flus u kienet hallitlu biss Lm5 fil-kont.

Jikkonferma li dejjem hallas manteniment fis-somma ta' €372 u cekk iehor

ta’ €180 fix-xahar mill-ispejjes edukattivi u tas-sahha, minkejja li jinsisti li l-ircevuti mhux dejjem huma originali u ghalhekk mhux dejjem tghaddilhomlu. Jikkonferma li kien talab lill-attrici sabiex thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma. Ighid li l-attrici qed thallas l-internet u tiehu refund mill-isptar fis-sena.

**VETTURI**

Bhala vetturi jikkonferma li kellu Isuzu Gemini bin-numru AIV 793 u kien hallasha qabel ma zzewwgu. Ighid li din kienet tuzaha l-attrici u fl-2006 kellha incident u l-karozza giet “total loss,” izda kien irrangaha u bieghha.

**INVESTIMENTI**

Fiz-zmien li ghamel il-Libja bejn l-1999 u l-2004, kien fetah erba’ kontijiet f’isimhom kollha u kienu ftehmu li l-attrici kellha tiehu hsieb il-kont taghha u ta’ binthom C, filwaqt li hu kellu jiehu hsieb tieghu u tal-minuri E. Induna li l-attrici kienet hadet il-flus li kien hemm fil-kont taghha u ta’ binthom C u minn dakinhar hass li ma setax jafdaha iktar.

4. EB, bin il-partijiet jispjega kif ommu minn dejjem taghmel hafna sagrificcji ghalihom u ghalkemm ma tantx kellha flus, qatt ma halliethom nieqsin minn xejn. Kienet anke taghmel minn kollox sabiex jattendi l-lezzjonijiet tal-vjolin u tal-isports.

Meta kienet tehodhom ghand tabib, kienet titlob lill-konvenut sabiex ihallasha tal-ispejjes, izda jikkonferma li missieru qatt ma ried ihallashom.

Ommhom minn dejjem kienet hemm ghalihom, tant li anke fil-homeworks kienet tghinu hafna. Missieru minn naha l-ohra meta kien jasal id-dar, ma kienx ihallih jara l-programmi li kien ihobb jara u lanqas ma kien ihallihom jaraw DVD  ghax il-konvenut kien jahseb li kienu jirrovinaw id-DVD. Imbaghad kien addirittura nehha l-kanali li kienu ghogbuh.

Bin il-partijiet jistqarr li hu m'ghandux relazzjoni tajba ma' missieru, peress li ma jikkomunikax mieghu u lanqas mal-bqija tal-familja. Qatt m'ghamlu xi haga flimkien, hlief xi drabi kien jehodhom ghand in-nanna jew sal-ghalqa. Izid ighid ukoll li missieru qatt ma tah rigali jew xtralu xi haga.

Isemmi ukoll li jibza' minn missieru meta jibda jsabbat, ikisser u jghajjat. Jispjega kif il-konvenut kien nehhilu s-sodda li kien hemm f'kamartu, kif ukoll kien qala' l-bibien tal-ixkaffef u nehha l-kxaxen tad-desk. Li spiccat l-attrici kellha tixtri folding bed.

Bin il-partijiet semma' ukoll li l-konvenut kien nesa' jigbru minn festin li kellu u mbaghad sakkru barra u spicca kellu jorqod ghand il-habib tieghu. Minn dakinhar, jispjega li ma baqax ihobbu hafna u kien siefer mieghu darba kontra qalbu. Izid ighid li jibza' jghix ma' missieru.

Ighid ukoll li fis-sajf ma kienx ihallih juza' fan  lanqas kien ikun jista' jorqod minhabba l-ishana.

5. CB  tispjega li minhabba l-istudji taghha, ommha kienet dahlitilha l-internet bil-mohbi tal-konvenut u kienet thallas ghalih hi. Peress li kienet ghaddiet mill-ezamijiet, ommha kienet xtratilha mobile semplici biex tkun

tista’ tikkomunika maghha u damet erba’ snin tahbi l-mobile minn missierha, ghax ma jmurx il-konvenut kien jahseb li l-attrici kellha l-flus.

Tikkonferma bhal huha li l-konvenut qatt ma tahom rigali, lanqas fil-Milied u li kienet tisthi tistieden hbieb id-dar minhabba l-imbarazz li missierhom kien igib id-dar.

Bint il-partijiet tikkonferma li kienet l-attrici li kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet edukattivi u tas-sahha taghhom. Il-konvenut, kien imur ix-xoghol, jasal id-dar jiekol. Jara t-tv u jmur jorqod bla ma jikkomunika maghhom, hlief biex isaqsihom fejn kienet l-attrici, jekk jinserta kien jasal id-dar u ma jsibihx hemm. L-attrici ghall-kuntrarju kienet tahdem u tistinka bla waqfien biex ikunu daqs haddiehor. Kien hemm darba meta kienet Form 1, fejn missierha pprova jtellifha l-ezamijiet ghax ma riedx lill-attrici tuza’ l-karozza.

Bhal huha tikkonferma li fis-sajf kien jitfilha l-fan u kellha problemi biex torqod minhabba l-ishana.

Tikkonferma ukoll li l-attrici kienet hallsitilha ghall-ezamijiet tal-Matsec, filwaqt li l-konvenut qatt ma hallas.

6. KL, habiba tal-attrici, tghid li ilha tafha minn mindu kienu zghar. Kienet tghidilha li l-konvenut kien jheddidha li jekk tohrog joqtlilha l-kelb. Kien hemm okkazzjoni li minhabba l-biza’ tal-attrici kienet zammitilha l-kelb.

Tispjega ukoll li l-konvenut kien jipprova jhammeg isem l-attrici fuq Facebook, billi jpingiha bhala mara mahmuga li ma tnaddafx u dan billi

jsakkar lill-kelb gewwa, li jispicca jaghmel il-bzonnijiet tieghu fid-dar.[7] Minhabba f'hekk kienu ghamlu rapport lic-Cyber Crime.

Izid tghid li l-attrici kienet tilmenta li l-konvenut kien ikisser oggett fid-dar u anke kien zarma l-kamra tas-sodda ta' binhom. Kienet tilmenta ukoll li ma kienx jaghtiha bizzejjed flus.

7. MN, habiba tal-attrici. Kellhom it-tfal fl-istess klassi u kien hemm okkazjoni meta kienet organizzat party ghat-tifel is-Seabank Hotel. Meta spicca l-party, il-konvenut, suppost kellu jigbor lit-tifel, izda qatt ma tfaccja ghalih. Fuq talba tal-attrici li kienet xoghol bin-night shift, talbet lix-xhud biex twassal lura lit-tifel. Pero' meta wassluh quddiem id-dar, il-konvenut ma riedx jiftahlu u spiccat fuq talba tal-attrici haditu ghandha u raqad hemm sal-ghada, meta marret tigbru l-attrici, wara li spiccat ix-xoghol.

   Tghid li ma kinitx ivverifikat jekk il-konvenut kienx qieghed id-dar jew le u lanqas ma cemplet jew habbtet il-bieb. Qghadet fuq dak li qalulha l-attrici u binha E.

   Ix-xhud tispjega li ma kinitx taf lill-konvenut u wara dan l-incident l-attrici kienet fethet qalbha maghha u kienet qaltilha li zewgha ma tantx kien jittrattaha tajjeb.

8. David Galea, in rapprezentanza tal-APS Bank Limited, ikkonferma li f'isem l-attrici kien hemm zewg kontijiet bankarji[8] u fil-kaz tal-konvenut

[7] Ara Dok. MF 1
[8] Ara Doks. APS 5-6.

kien hemm erba' kontijiet, tnejn minnhom maghluqa u tnejn minnhom kienu ghadhom attivi,.[9]

9. Audrey Ghigo, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li f'isem l-attrici sabet diversi kontijiet.[10] F'isem il-konvenut sabet ukoll diversi kontijiet bankarji.[11]

10. Keith Mallia, in rapprezentanza tal-Paying Agency tal-Ministeru tal-Izvillup Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima jispjega li l-konvenut kien jitlob sussidju fuq l-ghelieqi li kienu jappartjeni lilu,[12] flimkien mas-site plans.[13] Jispjega li r-rata tas-sussidju tinstab fuq is-sit tal-Ministeru.

11. Lawrence Baldacchino, in rapprezentanza tal-Pitkalija kkonferma l-hlasijiet li saru mill-Farmer's Central Cooperative Society lill-konvenut.[14]

12. David Borg in rapprezentanza ta' UNEC Limited esebixxa l-FS3's tal-konvenut ghas-snin 2008 sa 2012.[15]

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi fil-mori tal-kawza, l-attrici mietet, precisament fl-10 ta' Marzu, 2019. L-Artikolu 43 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla hekk:-

***"Bil-mewt tar-raġel jew tal-mara, ħlief fil-każ li fih is-sentenza tal-firda jista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikoli 48 sa 52 inklużivament,***

[9] Ara Dok. APS 1-4.
[10] Ara Doks. HSBC 1 – HSBC 13
[11] Ara Doks. HSBC 14- HSBC 22.
[12] Ara Dok. KM1
[13] Ara Doks. KM 2 - KM 11.
[14] Ara Doks. LB 1 – LB 5.
[15] Ara Doks. UNEC 1 – 5.

***tispiċċa l-azzjoni tal-firda, ukoll jekk il-mewt tiġri wara li tkun saret it-talba."***

Il-Qorti ghandha quddiemha sitwazzjoni fejn jirrizulta li fis-7 ta' Marzu, 2019, l-attrici kienet ghamlet testament quddiem in-Nutar Dr. Nicolette Vella, fejn fl-istess testament, irrevokat u hassret kwalsiasi testament iehor li setghet kellha, filwaqt li f'dan it-testment, innominat lil uliedha C u E bhala l-unici eredi universali taghha ghas-sehem taghha tal-wirt, filwaqt li dizeredat lill-konvenut minhabba li kien vjolenti maghha kemm fizikament kif ukoll psikologikament u minhabba x-xhuhija tieghu.[16]

<u>F'kawza fuq wirt, fejn il-konjugi ragel kien miet waqt li kienu ghaddejjin il-proceduri ta' separazzjoni, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:-</u>

***"Li kieku l-proceduri ta' separazzjoni gew fi tmiem taghhom jista' jkun li kienu jipproducu l-effetti kontemplati fl-artikoli 48 sa 52, izda dan ma sehhx. Il-Konvenuti, qua eredi tad-decuius, kellhom il-fakolta` li jkompluhom sal-konkluzjoni taghhom nonostante l-mewt ta' Joseph Schembri fil-mori (art. 43 Kap. 16). Ghalhekk jekk verament il-Konvenuti jemmnu li l-Attrici Mary Schembri ghandha tahti ghall-firda personali, huma kellhom kull interess li jkomplu jmexxu l-istess proceduri sabiex Mary Schembri titlef il-jeddijiet msemmija fl-artikolu 48(1)(a). Dan m'ghamluhx.***

***Hawn hekk tajjeb li jkun soffermat, li l-ligi taghna, f'dan ir-rigward, hija ghal kollox differenti minn dik Taljana. Fil-waqt li dik Taljana ma tippermetti lil hadd jassumi l-atti, wara l-mewt ta' xi konjugi fil-mori ta'***

[16] Ara Dok. D a Vol. 5 tal-process.

***kawza ta' separazzjoni (ara kemm lil Ricci u Pacifici-Mazzoni fuq dan il-punt), mhux hekk jidher fil-kaz ta' artikolu 43 tal-Kodici Civili Malti. Ghalkemm dan l-artiklu jiddikjara li l-azzjoni ta' separazzjoni tispicca mal-mewt ta' wahda mill-partijiet, jaghmel is-segwenti riserva u cioe' "... … hlief fil-kaz li fih is-sentenza tal-firda jista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikoli 48 sa 52 inkluzivament ... …". Fl-artiklu 150 tal-Kodici Taljan ma tesisti ebda riserva simili. L-artikolu nostran jaghmel sens, ghaliex il-htija ta' konjugi jista' jkollha effetti u konsegwenzi patrimonjali sa fejn jirrigwarda l-eredi tal-konjugi li jkun miet waqt il-proceduri ta' separazzjoni personali (ara seduta tas-26 ta' Jannar, 2012 Citazzjoni Numru. 1578/2001/1 fl-ismijiet A B vs C B Prim Awla Per Imhallef Noel Cuschieri mhux ippubblikata u kif ukoll sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Paul Caruana -vs- Olena Verbystka tal-24 ta' Gunju 2016).***[17]

Stabbilit dan dina l-Qorti se tghaddi biex tiddetermina jekk il-konvenut kienx responsabbli ghall-htija tas-separazzjoni u jekk fil-kaz, il-konsegwenzi u l-effetti li dan ihalli warajh.

## RESPONSABBILITA'

L-attrici llum  mejta, rapprezentata minn uliedha kienet ibbazat il-kawza ta' firda minhabba li l-konvenut kien xhih maghha, kif ukoll minhabba li kien ezercita fuqha vjolenza fizika kif ukoll psikologika.

Ipproduciet diversi provi li juru li l-konvenut kien ihalliha nieqsa mill-flus u kien xhih maghha. Kien ighix hajja ghalih u jzomm il-paga ghalih. Huwa minnu li meta l-attrici *decujus* kienet ghamlet zmien ma tahdimx peress li

[17] Mary Schembri et.noe. vs Dennis Schembri et. (deciza fis-16 ta' Novembru, 2017 Citaz.Nru. 173/05

kellha t-tifla minuri, kien ghamilha *secondary card* fuq il-kont bankarju tieghu, izda kien ilmenta li kienet nefqet kulma kellu u dan kien fiz-zmien li kien il-Libja.

L-istess konvenut jammetti li hu ma kienx jara l-htiega li juzaw il-gyzer peress li kienu nstallaw is-*solar water heater*, sakemm ma kienx hemm xemx. Jikkonferma ukoll li ma kellhomx linja telefonika u ma kienx interessat li jgib wahda u dan peress li l-attrici qatt ma kienet tikkontribwixxi ghall-kontijiet. Fil-fatt kemm l-attrici *decujus*, kif ukoll ommha ID, ikkonfermaw li l-konvenut kien qata' l-linja telefonika. L-istess kien zarma t-tieqa tal-washroom biex l-attrici ma tixghelx id-*dehumidifiers* u zewg fannijiet u ma tahlix dawl la darba ma kinitx thallas sehemha.

Dan kollu jikkonferma kemm il-konvenut kien xhih maghha. Ulied l-istess konvenut ikkonfermaw l-istess tezi ta' ommhom, fejn apparti li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni ma' missierhom, semmew li lanqas qatt ma rcevew rigal minghandhu u li kien qata' l-kanali kollha tat-tfal fuq it-televizjoni u zamm dawk li kienu jinteressawh. Il-konvenut ma gabx provi sabiex jirribatti dawn l-allegazzjonijiet.

Hafna mill-provi ccirkolaw fuq il-kelb li kienet gabet l-attrici bhala *pet* ghat-tfal. L-attrici tinsisti li waqt li kienet tkun xoghol, il-konvenut bhala vendikazzjoni kien isakkar il-kelb gewwa sakemm kien jaghmel il-bzonnijiet tieghu u dan appositament biex juri li martu kienet mahmuga u ma kinitx izzomm id-dar fi stat ta' ndafa tajba. Kien sahansitra mar fuq Facebook u ppostja diversi ritratti biex jimmalafama lill-martu. L-attrici nnegat bil-qawwa li ghamlet dan, izda kienu biss vendikazzjoni da parti tal-konvenut. Fil-fatt, ftit wara kien inhareg Ordni ta' Protezzjoni minn

dina l-Qorti fil-konfront tal-konvenut. Mill-ewwel minuti li l-attrici gabet kelb, il-konvenut laqqaghha li dan kien ser ikun il-kagun ta' hafna dizgwid bejniethom u hekk fil-fatt kien.

Hemm sensiela ta' provi ohra li kienet ressqet l-attrici dwar il-komportament tal-konvenut. Hi dejjem kienet tahdem u tistinka sabiex it-tfal ma jkunux inqas minn haddiehor u jkollhom edukazzjoni tajba, filwaqt li l-konvenut wera indifferenza totali. Ma kellux ideja x'kien qed jigri f'hajjithom u ghalih il-privat li kienu jattendu uliedu kienu zejda u inutli. L-indifferenza harget ukoll fil-mod kif kien halla lil ibnu li kien qieghed festin u lanqas biss fetahlu meta gabitu lura omm il-habib tieghu. Il-konvenut ma gab ebda prova biex jirribatti dan ukoll.

Zarma l-kamra tas-sodda tat-tifel u kkonferma dan il-konvenut stess u dan kien biss ftit granet wara li kienet ghadha kif giet installata. Kien biss wara li ordnatlu l-Qorti, li l-konvenut rega' arma l-kamra tas-sodda. L-attrici uriet diversi ritratti fejn il-konvenut pogga diversi oggetti fil-fridge, li l-attrici kienet spiccat lanqas setghet tuzaha.

Il-konvenut jattribwixxi tort lill-attrici peress li kienet riedet tiddomina kollox hi. Jibbaza l-kontro-talba tieghu fuq htija tal-attrici peress li rrendiet ruhha hatja ta' minacci, adulterju, mohqrija, ingurji gravi, eccessi, theddid u swat.

Fil-fehma ta' dina l-Qorti ma ngabux provi da parti tal-konvenut sabiex jikkonvinciha li kien hemm xi forma ta' htija da parti tal-attrici. Anzi, pjuttost iktar ma jixhed iktar jammetti l-htija tieghu u dan huwa rifless meta ma jsibx xejn hazin li kien nehha t-top cupboards tal-kcina u l-kamra tas-sodda tat-tifel meta ma tatux patata fil-forn li kienet sajjret, meta rigward

il-hmieg fid-dar jammetti li kien hemm zmien li kien bil-*catheter* peress li kien ghamel operazzjoni u gieli skapatlu u meta ma kienx dispost jerga' jarma l-kamra tas-sodda tat-tifel biex titghallem ighid l-attrici ghax hi kienet tonfoq u hu kien jahdem. Fid-dawl ta' dan kollu hemm ragunijiet sostenibbli biex il-konvenut jinzamm responsabbli tal-htija tas-separazzjoni minhabba eccessi, minacci u sevizzi.

**MANTENIMENT**

B'digriet ta' dina l-Qorti datat 2 ta' Mejju, 2012, il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment fis-somma ta' €186 kull erba' gimghat ghal kull wiehed mill-ulied, kif ukoll nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha u nofs il-kontijiet tal-utilitaijiet fid-dar matrimonjali. Illum uliedhu saru maggorenni, izda bhala eredi ta' ommhom qed jitolbu s-segwenti:-

- E, li ghandhu dsatax-il sena qieghed jistudja l-MCast full-time u ghalhekk qed jitlob il-hlas ta' manteniment minghand il-konvenut;
- Ghandhom jithallsu lura l-arretrati tal-ispejjes edukattivi u tas-sahha li qatt ma thallsu mill-konvenut tul il-proceduri;
- Il-konvenut ghandu jhallas ghal nofs l-ispejjes medici li hallset l-attrici sabiex E jigi kkurat l-Inghilterra, peress li ma kienx hawn f'Malta trattament ghall-kundizzjoni tieghu.

Fic-cirkostanzi, l-ewwel talba ghandha tigi akkolta u dan stante li E ma jahdimx u huwa student full-time. L-obbligu tal-konvenut ghandu jissussisti sakemm E jaghlaq 23 sena. Ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ukoll li llum E huwa guvni u ghandu certu htigijiet li ma kellux meta kien izghar. Dan jirrikjedi awment fil-manteniment li kien gie ordnat ihallas il-konvenut u s-somma ta' €250 fix-xahar, tidher gusta, kif ukoll il-konvenut

ghandu jibqa' obbligat ihallas ghall-ispejjes edukattivi u tas-sahha tieghu, Dawn ghandhom jinqatghu direttament mill-paga tal-konvenut.

Dwar it-tieni talba jirrizulta li mit-2 ta' Mejju, 2012, il-konvenut kien naqas li jhallas nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha skond kif ordnat. M'hemm l-ebda spjegazzjoni da parti tal-konvenut li tista' tiggustifika dan in-nuqqas. Ciononostante, lanqas l-attrici ma kkwantifikat l-ammont ta' spejjes li kienet qed tippretendi minghand il-konvenut u dan iwassal sabiex dina l-Qorti, gialadarba temmen il-verzjoni attrici, biex *tistabilixxi arbitrio boni viri* sehem il-konvenut minn dawn l-ispejjes li huwa ta' €2000 (ikkalkolat fuq €500 ghaz-zewgt itfal fuq medda ta' tmien snin bejn 2012 u 2020).

L-attrici kienet iktar cara ghall-pretenzjoni taghha fir-rigward tal-ispejjes straordinarji nvoluti fil-kura medika ta' dak iz-zmien minuri E, wara li hargitlu l-kundizzjoni ta' *Pectus Excavatum* fejn seta' jiehu kura biss l-Inghilterra. Kienet l-attrici, bl-ghajnuna finanzjarja t'ommha li rnexxielha thallas dawn l-ispejjes. Dan huwa l-qofol tat-tielet talba, ghaliex ulied il-partijiet qedghin jitlolbu li l-konvenut ihallas nofs dawn l-ispejjes. Kien sar rikors *ad hoc* u dina l-Qorti kienet iddecidiet li tipprovdi fuq din it-talba fl-ezitu finali taghha. L-attrici pprezentat rikors iddetaljajt biex tikkonferma l-ispejjes ghall-kura medika ta' E u qed titlob il-hlas ta' sehem il-konvenut minn dawn l-ispejjes u cioe' l-ammont ta' €2,647.31. Minkejja li kienet talbet lill-konvenut sabiex jaghmel il-kontribuzzjonijiet tieghu, naqas li jaghmel dan.

Ghal darb'ohra, il-konvenut wera nuqqas ta' dmirijiet tieghu. Huwa minnu li d-digriet ma jikkontemplax spejjes medici ta' natura straordinarja, kif jirrizultaw dawn l-ispejjes, izda ciononstante, jibqa' l-fatt li dawn huwa

spejjes li jinvolvu l-interessi ta' binhom, u bhala genituri ghandhom it-tnejn igorru l-piz ta' dawn l-ispejjes. Ghaldaqstant, dina t-talba ghandha tigi akkolta ukoll.

**ASSI TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Taht id-disposizzjoni tal-Artikolu 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jekk kemm il-darba tirrizulta htija da parti ta' wiehed mill-konjugi taht l-Artikolu 38 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, hija fid-diskrezzjoni ta' dina l-Qorti jekk ghandhiex tapplika s-sanzjonijiet taht l-Artikolu 48 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-agir tal-konvenut tul iz-zwieg kien wiehed mhux dehen ta' missier u ragel tal-familja. Halla lill-martu u lil uliedu jbatu u donnu kull azzjoni kienet intiza biex jivvendika ruhu u jaghti taghlima lill-attrici.

L-Artikolu 48 jikkontempla hekk:-

***"(1) Il-parti, ir-ragel jew il-mara, illi tkun il-htija tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikolu 38 u 41 titlef –***

***(a) Il-jeddijiet msemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;***

***(b) Dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwitu;***

***(c) Kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-qorti bhala***

***d-data meta l-parti ghanhda tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jigi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-hidma ta' wahda mill-partijiet fiz-zwieg, ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skond l-Artikolu 3;***

***(2) Il-hwejjeg imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jergghu jmorru ghand il-parti l-ohra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (c) ta' dak is-subartikolu jibqghu kollha ghal din il-parti, bla hsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni ohra jkunu kisbu fuq dawk l-istess hwejjeg qabel mas-sentenza tal-firda tkun giet imnizzla fir-Registru Pubbliku."***

L-eccessi, il-minacci, sevizzi u l-vjolenza psikologika in partikolari li soffriet l-attrici taht idejn il-konvenut ma jhallix lok ghal ebda gustifikazzjoni tal-komportament tieghu, li seta' indubbjament ikkontribwixxa ghall-mewt daqstant kmieni tal-attrici. Il-konvenut kien gie ordnat jizgombra mid-dar matrimonjali minn dina l-Qorti minhabba s-sensiela ta' vendikazzjonijiet li kien ghamel bhal li zarma l-kamra tas-sodda tat-tifel, nehhilhom l-fannijiet, qaccat il-wires tat-telefon, kif ukoll qala' l-fuse tal-gyzer fost ohrajn ghax hekk lista voluminuza li ma tispicca qatt.

Il-konvenut mar ighix gol-garaxx appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti, izda anke l-istess attrici *decujus* kienet xehdet li l-konvenut kien arma *farmhouse* ghalih u ghaldaqstant jidher car li l-istess konvenut ghandu fejn ighix a kuntrarju ta' uliedu, li ta' eta' zghira sfortunatament spiccaw jitrabbew u jikbru go dar wahedhom minghajr ommhom.

Jirrizulta li hemm provi bizzejjed sabiex jigu enforzati l-estremi taht l-Artikolu 48 (a) u (c) fil-konfront tal-konvenut, primarjament ghal dak li jirrigwarda d-dar matrimonjali u s-sehem tieghu ghandu ghalhekk jigi assenjat interament lil uliedu, flimkien mal-ghamara u l-kontenut taghha.

Il-kontijiet bankarji tal-attrici *decujus* illum nghalqu u l-flus inghataw lil uliedha bhala eredi universali taghha, flimkien ma' dak li kien jappartjeni lill-attrici ghadda ghand uliedha. L-istess ighodd ghal vetturi. L-attrici decujus kienet qed tuza' karozza antika, Peugeot 106 second hand. Dwar l-Isuzu Gemini IAV 793 u l-Peugeot 207 RBT 141 tghid li dawn qatt ma kienu taghha. Ghalhekk kulhadd jibqa' bil-vettura li kien qed juza'.

Kwalsiasi investimenti li kien hemm f'isem it-tfal, illum eredi universali tal-attrici, ghandhom jigu assenjati lilhom.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti, taqta' u tiddeciedi s-segwenti:-

a) Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-ewwel talba in parte u dan stante fil-mori tal-proceduri, l-attrici mietet, pero' tiddikjara li l-konvenut kien irrenda ruhu hati tal-problemi maritali minhabba eccessi, minacci u sevizzi u vjolenza psikologika;

b) Tilqa' t-tieni talba stante li d-dar matrimonjali u cioe' 345, Blossoms, Appartament Numru 1, Triq il-Htajriet. Mosta giet assenjata lill-ulied li assumew l-atti tal-attrici u cioe' l-eredi tal-attrici decujus;

c) Tilqa' t-tielet talba;

d) Tilqa' r-raba' talba fil-konfront tal-ulied, u ghalhekk tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fuq il-konvenut favur C u E ahwa B.

e) Tilqa' l-hames talba in kwantu l-konvenut irrenda ruhu hati ta' eccessi, minacci u sevizzi fil-konfront tal-attrici decujus;

f) Tilqa' s-sitt talba in kwantu l-Qorti assenjat id-dar matrimonjali lill-ulied il-partijiet, li assumew l-atti qua eredi universali tal-attrici;

g) Tilqa' s-seba' talba limitatament ghal wild E, stante li ghadu qed jistudja l-MCAST u dan sakemm jaghlaq l-eta' ta' 23 sena. Dan l-ammont ghandu jithallas gewwa l-kont bankarju ta' E permezz ta' *standing order* u liema ammont ghandu jinqata' mill-paga tal-konvenut. Ghandu jhallas ukoll l-arretrati tal-ispejjes edukattivi u tas-sahha fl-ammont ta' €2,000, kif ukoll il-konvenut ghandu jhallas sehemu tal-ispejjez straordinarji relatati mal-kura medika tat-tifel Mark li jammontaw ghal €2,647.31;

h) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien talba stante li llum it-tfal huma maggorenni;

i) Tilqa' d-disa' talba sa fejn applikabbli skond kif gie deciz.

j) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ghaxar talba stante l-mewt tal-attrici;

k) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hdax-il talba stante l-mewt tal-attrici;

l) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tnax-il talba stante li hemm it-testment tal-attrici, wara l-mewt taghha;

**Dwar il-Kontro-talba** dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi s-segwenti:-

a. Tichad l-ewwel kontro-talba;

b. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet kontro-talba stante li l-attrici mietet fil-mori tal-proceduri;

c. Tichad ir-raba' kontro-talba;

d. Tichad il-hames kontro-talba;

e. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tas-sitt kontro-talba, stante li l-attrici mietet fil-mori tal-proceduri;

f. Tichad is-seba' kontro-talba;

g. Tichad it-tmien kontro-talba ghar-ragunijiet suesposti;

h. Tilqa' d-disa' kontro-talba.

L-ispejjes kollha, inkluz tal-medjazzjoni ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Cettina Gauci**

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**